13 ta' Ottubru, 1950.

Imħallef :

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Attard et. *versus* Pasquale Attard et.

**Likwidazzjoni ta' Eredità — Amministrazzjoni — Kontijiet — Kwittanza — Ekwipollenza.**

*F'kawża ta' likwidazzjoni ta' eredità, fejn jiġi mħarrek anki min kien jamministra l-beni ereditarji, avvolja dan mhux wieħed mill-eredi, dak l-amministratur ma jistax jgħid li ma għandux interess fil-kawża u li kwindi għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; u dan avvolja ma jkunx hemm domanda speċifika biex huwa jiġi kundannat iraġġa' lura l-oġġetti li kienu taħt l-amministrazzjoni tiegħu u li nstabu neqsin, sabiex jiġu mdaħħlin fil-likwidazzjoni. Għax it-talba għal-likwidazzjoni timplika "per equipollens" it-talba kontra dak l-amministratur biex jirritorna dawk l-oġġetti. L-akkoljiment ta' din it-talba impliċita ma hix deċiżjoni "ultra petita" jew "extra petita".*

*Lanqas ma jista' l-amministratur hekk ċitat jopponi kontra din il-konklużjoni l-fatt li huwa kien ġie definitivament kwittat mill-amministrazzjoni tiegħu; għax fil-ġurisprudenza hija unanimament aċċettata l-opinjoni illi, fil-każ ta' żball jew ta' approprjazzjoni nġustifikata tal-mandatarju, li jinkixfu wara l-kwittanza finali, il-mandanti jistgħu jitolbu kontra dak il-mandatarju l-korrezzjoni ta' l-iżball jew ir-ritorn ta' l-oġġetti li jkunu baqgħu f'idejh, anki jekk ikunu baqgħu f'idejh mhux b'fini doluż.*

Il-Qorti, — L-atturi fit-taħrika qalu li fil-15 ta' Marzu 1942, mietet mingħajr testment u mingħajr tfal Giovanna Attard xebba, u għalhekk wirtuha l-kontendenti (barra Louis Magro) ħutha ; li fis-16 ta' Gunju 1942 il-konvenut Louis Magro rtira l-oġġetti li kienu ġew salvati mit-terrapien (Dok. A) ; li mbagħad inqasmu bejn il-kontendenti l-biċċa l-kbira

kontijiet minn neputi tagħhom Louis Magro, li kien ġie minnhom inkarikat jiġbor il-kerjiet tal-beni immobili u sabiex jiġbor minn għand il-Pulizija l-affarijiet li ntilfu jew ġew dispersi waqt il-ħidma tal-għadu.........;

*Omissis*;

Tikkunsidra;

Illi t-tieni pont li, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, għandu jiġi riżolut, huwa dak ta' l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut Louis Magro dwar il-liberazzjoni tiegħu, l-għaliex huwa kien irrenda l-kontijiet u kien ġie kwittat, u kwindi, peress li ma kienx eredi, u bħala amministratur kien ġie kwittat, ma kellu ebda interess fil-kawża. Huwa minnu li l-perit legali esprima l-opinjoni fir-relazzjoni tiegħu favorevoli għal-liberazzjoni ta' dak il-konvenut fuq l-argument li t-talba speċifika hija importanti sabiex dak l-istess konvenut ikun kundannat, u fuq li kontra tiegħu kien hemm biss azzjoni ta' mala ġestjoni ta' l-amministrazzjoni, jekk dina qatt setgħet tiġi promossa di fronti għall-kwittanza;

Illi huwa sintomatiku kif il-perit legali wasal għall-konvinzjoni fuq dawk l-argumenti, meta huwa, wara li ħelsu minn kollox, eċċettwa lill-konvenut imsemmi mir-responsabilità tal-bidla ta' xi flus tad-deheb ma' flus tal-karti, ċjoè meta Louis Magro, f'lok ikkunsinna l-ispeċji u l-korp ta' l-oġġetti li ġew taħt idejh in forza tal-mandat, ħallas lill-mandanti tiegħu flus tal-karti, taħt il-pretest li jrid iżomm rikordju taz-zija tiegħu, u meta b'dana kollu fl-istess ħin qal ukoll li sar hekk għaliex kien jaħseb li dawk il-flus tad-deheb ma kienux ta' Giovanna Attard, imma ta' Pasquale Attard li tah il-kunsens sabiex jagħmel dik il-bidla — kontrosens li jnissel miegħu n-nuqqas ta' saħħa fit-teżi ta' Louis Magro. L-argument l-ieħor, imbagħad, li huwa mhux eredi tad-decujus, u n-nuqqas ta' talba għall-kundanna ta' dak il-konvenut sabiex iraġġa' lura l-oġġetti li kienu taħt idejh u li nstabu neqsin, huwa biss apparentement san u validu. Infatti, mentri di fronti għall-ewwel dikjarazzjoni mitluba fl-att taċ-ċitazzjoni l-konvenut Magro ma jistax igħid li huwa ma għandux interess fiha, dwar in-nuqqas ta' talba speċifika ħalli huwa jirritorna eventwalment xi affarijiet li naqsu minn għandu, sabiex ikunu mdaħħla fil-likwidazzjoni u qasma mitluba, l-istess talba timplika

minn dawk l-oġġetti, iżda baqa' mhux maqsuma l-oġġetti u l-flus elenkati fin-nota markata "B", li l-biċċa l-kbira minnhom baqgħu għand il-konvenut Louis Magro; u li għad fadal issir id-diviżjoni ta' l-oġġetti l-oħra ta' fajjenza u affarijiet oħrajn li jinstabu għand il-konvenuti jew min minnhom; u talbu li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċiż li barra mill-affarijiet ġa maqsuma għad hemm indiviżi l-oġġetti u l-flus indikati fil-lista dok. B, kif ukoll l-affarijiet tal-fajjenza u ħwejjeġ oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; (2) tkun ordnata d-diviżjoni ta' l-imsemmijin oġġetti u flus, fajjenza u ħwejjeġ oħra, f'erba' porzjonijiet indaqs, li minnhom waħda tiġi assenjata lill-attur Giuseppe Attard, waħda lill-attriċi Carmela Bonnici, u t-tnejn l-oħra lill-konvenuti Pasquale Attard u Paolina Magro, waħda kull wieħed; (3) jiġi nominat perit espert biex jagħmel l-istima u d-diviżjoni ta' l-affarijiet kollha fuq imsemmija; u billi l-konvenut Pasquale Attard, fuq dikjarazzjoni minnu maħlufa (dok. C), irċieva indennizz ta' £30 minn għand il-Gvern bħala kumpens tal-ħsara li sofrew bil-bumbardament mill-ajru l-oġġetti li kienu jinsabu fid-dar li fiha kien joqgħod huwa u oħtu Giovanna, (4) il-konvenut Pasquale Attard jiġi kundannat iħallas lil kull wieħed mill-atturi £7. 10. 0 jew somma verjuri, ta' sehemhom mill-indennizz fuq imsemmi. B'riżerva ta' drittijiet oħra, bl-imgħax legali min-notifika ta' dan l-att, u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi u trattazzjoni jidher li l-kawża tal-lum tirrigwarda qasma supplementari tal-ħwejjeġ tal-mejta Giovanna xebba Attard...........;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fit-3 ta' Novembru 1943, fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Carmelo Chapelle, il-kontendenti qasmu bejniethom il-ħwejjeġ immobili li lilhom kien imiss mill-eredità intestata ta' oħthom Giovanna xebba Attard, li mietet bil-ħidma tal-għadu fil-15 ta' Marzu 1942, u f'dak l-istess kuntratt saret reża tal-

issottometta l-perit legali, dan il-fondament huwa simili għal dak li jinsab a bażi tad-dispożizzjonijiet f'materja ta' retratt b'titolu ta' viċinanza. Skond l-art. 1513 (3) tal-Kodiċi Ċivili, fil-konkors ta' iżjed minn viċin wieħed li jeżerċita r-retratt b'dan it-titolu, għandu jkollu preferenza dak li l-fond tiegħu jkun imiss mal-fond mibjugħ f'biċċa akbar. Għalhekk, f'materja ta' dritt ta' ozzjoni, għandu jiġi applikat l-istess prinċipju; għaliex "ubi est eadem ratio, debet esse idem jus"; u d-dritt ta' l-ozzjoni għalhekk għandu jmur bi preferenza għand dak li l-fond tiegħu jmiss f'biċċa akbar ma' dak li sejjer jiġi diviż. U billi, kif intqal, ir-raba' ta' l-attur Antonio Borg imiss mal-għalqa "tal-Fergħun" b'estensjoni akbar minn dik li jmiss magħha r-raba' tal-konvenuti, jidher li l-attur Antonio Borg għandu d-dritt li jeżerċita l-ozzjoni fuq il-biċċa għalqa "tal-Fergħun" li qiegħda fid-diviżjoni, u li tiġi lilu assenjata bi stima;

Illi l-attur Bartolomeo Borg jippretendi li għandu, u jrid jeżerċita huwa wkoll, id-dritt ta 'l-ozzjoni fuq il-għalqa "tal-Ponta", u dan billi huwa għandu biċċa diviża ta' din il-għalqa adjaċenti għall-biċċa li hija fid-diviżjoni. Il-perit legali kkonstata dan id-dritt ta' l-attur Bartolomeo Borg, u hekk jidher ukoll li lil dan għandha tiġi assenjata din il-biċċa għalqa "tal-Ponta";

Illi l-konvenuti jopponu dawn id-drittijiet ta' l-ozzjoni ta' l-atturi fuq il-konsiderazzjoni (a) li jekk Bartolomeo Borg jopta l-għalqa "tal-Ponta", ma jibqax raba' ta' l-istess kwalità u kumdità, għaliex ir-raba' li jibqa' fil-wirt huwa ta' kwalità inferjuri u mingħajr ilma; l-għalqa "tal-Ponta" hija wkoll fabbrikabili (fol. 127); u (b) illi l-għalqa "tal-Fergħun" hija ta' l-aħjar kwalità ta' raba' li hemm fil-wirt; hija fabbrikabili, u għad li r-raba' kollu tal-wirt huwa bagħli, bl-ilma li hemm fir-raba' "tal-Fergħun", u anki "tal-Ponta", dan jista' jsir saqwi. Dawn iż-żewġ għelieqi huma tal-ħamri, waqt li r-raba' l-ieħor tal-wirt huwa tal-bajdi (fol. 127 tergo, 128);

Illi r-raġunijiet addotti mill-konvenuti ma humiex sostenibili. Il-liġi, fid-dispożizzjoni fuq imsemmija, ma tagħmel ebda limitazzjoni għall-konsegwiment ta' fond bi dritt ta' ozzjoni ħlief illi "ikun hemm immobili oħra in komun li minnhom

gro, omm l-istess Louis Magro, u fihom flimkien ġie trasfuż il-ġudizzju, tant in kwantu għall-interess li kellha ommu, kemm li kellu l-istess Louis Magro;

Illi kwindi ma hemmx lok għal-liberazzjoni mitluba, salv dak li sejjer jingħad aktar tard dwar il-ħwejjeġ ritornabili;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi;

1. Tiddikjara li fil-pussess tal-konvenut Louis Magro, u l-lum l-eredità tiegħu, baqgħu mhux maqsuma l-flus tad-deheb imsemmija fil-korp ta' dina s-sentenza, tal-valur faċjali ta' £10. 11. 10, imma bil-valur tas-suq kif iffissat mill-Qorti ta' £44. 7. 0, li l-istess eredi ta' Louis Magro għandhom iġibu lura għall-qasma in kwistjoni in natura; u fil-każ li jonqsu li ma jġibuhomx, għax ma għadhomx għandhom........... meta l-istess jiġu biex jagħmlu l-qasma, l-istess eredi ta' Louis Magro wara li jżommu l-ammont ta' £10. 11. 10 li l-awtur tagħhom issostitwixxa għalihom, ikunu jridu jġibu l-bilanċ tal-kontrovalur ta' £33. 15. 2;

*Omissis;*

L-ispejjeż tat-tielet talba.......; u b'hekk għal issa tponi fini f'dina l-istanza għall-kawża, li tibqa' differita għat-3 ta' Novembru 1950, fid-9 a.m., għall-kontinwazzjoni.